**28 ta' Frar, 1997**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri B.A., LL.D.**

Franciz Xavier *sive* Moses Aquilina

*versus*

Giovanna Rapinett

## Appell - Kawtela - *Cautio Iuratoria - Probabilis Causa Litigandi*

*Appellant li ma jkollux mezzi biex iħallas il-kawtela għall-ispejjeż ta' l-appell jista' jkun ammess għal* cautio iuratoris.

*Biex jingħata l-benefiċċju tal-garanzija bil-ġurament l-appellant irid jipprova* prima facie *li għandu* probabilis causa litigandi.

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors ta' l-appellanti tal-15 ta' April, 1996 biex tiġi

ammessa għal *cautio iuratoria* fit-termini ta' l-artikolu 904 tal-Kap. 12; dana fuq il-premessa li hija kienet mara marida, armla li tgħix bir-*relief* u ma kellhiex mezzi biex tkun tista' tħallas il-kawtela għall-ispejjeż ta' dan l-appell li ġiet mir-Reġistratur determinata fis-somma komplessiva ta' Lm471;

Rat li bil-ġurament tagħha l-appellanti ddikjarat illi hi ma kellhiex mezzi biex tipproduċi l-ammont tal-kawtela. Ma kellhiex kapitali jew proprjetà. Kienet neħħiet il-ħanut jew aħjar *kienet tatu lura lil sidu. Il-ħanut kien ilu magħluq għal xi tlettax-*il sena. Tant ma kellhiex mezzi l-appellanti li kienet ukoll - bħala salvagwardja addizzjonali biex tipprova ssalva l-appell tagħha - għamlet talba għall-assistenza legali biex tingħata Avukat biex jitratta l-appell, liema talba kienet għadha sal-lum ma ġietx deċiża;

Il-Qorti hi fiċ-ċirkostanzi sodisfatta li l-appellanti ma kinitx f'posizzjoni li ġġib il-garanzija meħtieġa skond il-liġi u għal fini ta' dan ir-rekwiżit fit-termini tas-subinċiż (1) ta' l-artikolu 904 tal-Kap. 12 hi ser taċċetta il-ġurament tagħha;

Ikkunsidrat:

Fir-rigward tat-tieni rekwiżit u ċjoè li biex jingħata l-benefiċċju tal-garanzija bil-ġurament l-appellant trid tipprova *prima facie* li għandha *probabilis causa litigandi* l-Qorti qieset sewwa l-atti proċesswali fid-dawl ta' l-aggravji ta' l-appellanti u tar-risposta ta' l-appellat. Waslet għall-konvinċiment li l-appellanti kellha *probabilis causa litigandi* almenu fuq uħud mill-aggravji tagħha li jimmeritaw li jiġu approfonditi u determinati minn din il-Qorti ta' Reviżjoni;

*Omissis*;

F'dan ir-rigward ċertament l-appellanti għandha allura *probabilis causa litigandi* u mhux allura meħtieġa indaġini ulterjuri oltre dak il-minimu rikjest kif provdut fis-subinċiż (2) ta' l-artikolu 904;

L-appellat jopponi t-talba ta' l-appellanti għall-benefiċċju tal-garanzija bil-ġurament "għax tali talba suppost saret permezz ta' rikors qabel l-ewwel dehra". Hu jagħmel referenza għall-artikolu appena ċitat. Issa, apparti l-fatt li dan l-artikolu bl-ebda mod ma jimponi li t-talba għal *cautio iuratoria* kellha ssir qabel l-ewwel dehra, jirriżulta f'kull każ illi tali talba saret. Saret b'rikors u saret qabel id-data appuntata għall-ewwel smigħ ta' l-appell. Infatti r-rikors sar fil-15 ta' April, 1996 waqt li l-ewwel smigħ ta' l-appell kien ġie appuntat għat-22 ta' April, 1996. Din l-eċċezzjoni hi għalhekk miċħuda;

Għal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' t-talba tar-rikorrenti appellanti biex tiġi ammessa għall-benefiċċju tal-garanzija bil-ġurament u tiddiferixxi l-kawża biex tiġi trattata fil-meritu.